MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2503/2002

**L-Av. Dott. Damian Damian von Schembri**

**Vs**

**Miriam Mintoff**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Ottubru 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm150 (mija u hamsin Lira Maltin) danni ikkagunati mill-agir illegali tal-konvenuta.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ispejjez mitluba huma hlas ta' danni ikkagunati mill-agir illegali tal-konvenuta skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta' Ottubru 2002 (Magistrat Dott. Dennis Montebello LL.D.), u cioe` hlas professjonali ghal pariri, ittri, kwerela u attendenza fil-kawza, bl-imghax legali mis-

17 ta’ Ottubru 2002, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Il-konvenuta bl-ebda mod ma ngujrat jew iddannegjat lill-attur kif dan qieghed jippretendi. Stante l-proceduri gudizzjarji spiccaw li dikjarazzjoni li l-procediment kien esawrit u ma kien hemm l-ebda sentenza tal-Qorti li sabet lill-konvenuta hatja.

Ra s-sentenza preliminari moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 25 ta’ Frar 2004.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawza odjerna hija cirkoskritta minn proceduri kriminali li kien hemm bejn il-partijiet. It-talba attrici torigina minn proceduri kriminali li gew konkluzi fit-2 ta’ Ottubru 2002 fejn wara li l-konvenuta skuzat ruhha ghal kwalsiasi kliem li setghet qalet, Dottor Schembri, l-odjern attur irrinunzja l-azzjoni attrici. Huwa qed jitlob bil-prezenti proceduri li jithallas ta’ l-ispejjes li kellhu jaghmel fil-konfront tal-konvenuta in vista ta’ l-istess proceduri. Kellhu jhallas spejjes legali.

Fuq l-iskorta ta’ l-istess sentenza, t-Tribunal se jillimita ruhhu ghal zewg punti. L-ewwel: jekk it-talba attrici hiex konfortevoli billi ma gietx prezentata l-ebda taxxa ufficjali ghad-drittijiet u spejjes dovuti lill-istess attur. Fit-tieni lok, avolja kien hemm dawk il-proceduri kriminali li gew konkluzi bil-mod kif espost, f’dan lis-stadju l-attur kellhu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Ma tirrizulta esebieta l-ebda taxxa ufficjali mahruga min xi registratur tal-Qorti, sia kriminali jew civili sabiex tkun gustifikata t-talba attrici. Mhux il-forum proprio f’dan it-Tribunal biex joqghod jintaxxa hu d-drittijiet o menu dovuti lil xi konsulent legali. Multo magis meta dawn id-drittijiet u spejjes qeghdin jintalbu lill-kontro parti lill min ossia ma min kellhu l-kwistjoni. Hemm procedura appozita sabiex dawn id-

drittijiet u spejjes jigu ntaxxati formalment kif trid l-kodici tal-procedura u dik civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-oneru tal-prova huwa fuq min jallega u mhux fuq min jinnega, kif gia gie ribadit min dan it-Tribunal u diversi Qrati u t-Tribunali ohra anki fl-appell. Nes probandi ncumbi ei qui dicit, non e qui neget. Sta ghall-attur li jipprova dan il-kaz, mhux biss kellhu jitlob illi jigi mhallas lilhu l-istess ammont ta' flus minnhu allegatament dovuti, imma jipprova ukoll illi dawn huma dovuti konsegwenza ta` xi att jew ommissjoni da parti tal-konvenuta fil-konfront tieghu li bih allegatament ikkagunatlu xi danni.

L-attur ipproduca diversi xhieda rigward dan l-famus jew imbirek incident li sehh meta kienu waqt kors organizzat mill-Employment & Training Corporation. Pero` dawn in-nies kollha jew ma jiftakru xejn jew xehedu li dan l-incident qatt ma sehh, ta' l-attur ma tal-konvenuta. Jigi ribadit illi l-procedura kriminali hija ndipendenti min dik civili u tali provi trid issir f'dan l-istadju.

Vera illi dik id-dikjarazzjoni konvenuta rtirat xi kliem li setet qalet fil-konfront ta' l-attur f'certu cirkostanzi specjali. Di fatti tenut kont ta' dan l-attur irtira l-kwerela li kien ghamel ghal istess konvenuta, pero` dana ma jfissirx li l-konvenuta ammettiet xi azzjoni jew ommissjoni ta' xi att fil-konfront tal-attur.

It-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni illi, mill-provi minnhu prodotti u dokumentazzjoni estensiva huwa naqas milli jikkonvinci lit-Tribunal anka merament fuq bilanc ta' probabilita li huwa ghandu kas kontra ta' l-istess konvenuta.

Jiddeciedi ghalhekk illi, filwaqt li jilqa` l-eccezzjoni tal-konvenuta, jichad it-talbiet attrici u c-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------